**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 4 ta’ Novembru 2019**

Numru 11

**Fl-atti tar-Rikors Nru. 63/2019**

**Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Simon Sansone, Pia Zammit u Emanuel Delia f’isem Repubblika, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici**

**vs**

**L-Onor Prim Ministru u L-Onor Ministru ghall-Gustizzja u b’sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta’ Settembru 2019 l-Onor Ministru ghall-Gustizzja gie liberat mil-osservanza tal-gudizzju, u b’digriet tas-17 ta’ Ottubru 2019 Dr Joseph Brincat intervjena fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Dan hu provvediment li qed jinghata fuq it-talba tar-rikorrenti maghmula b’verbal fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2019 biex issir referenza lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea.

Fil-kawza li tat lok ghal din it-talba r-rikorrenti qed jitolbu tramite l-imposizzjoni tal-kawza taht l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni (azzjoni popolari) dikjarazzjoni illi l-artikoli 96, 96A u 101 tal-Kostituzzjoni jivvjolaw l-artikolu 19(1) tat-Trattat tal-Unjoni u l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet u ghalhekk huma invalidi.

Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-22 ta’ Mejju 2019 iddikjarat biss li tali azzjoni hi ammissibbli kif impostata fuq l-artikolu 19(1) u l-artikolu 47, salv il-kontestazzjoni tal-mertu. Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat din is-sentenza fejn jirrigwarda dan l-aspett tal-azzjoni.

Fit-talba odjerna r-rikorrenti qed iqisu li ghall-ahjar direzzjoni tal-Qorti fuq din il-materja li tirrigwarda interpretazzjoni ta’ ligi Ewropea ghandu jintalab direzzjoni mill-Qorti Ewropea ghalkemm fil-fehma taghhom almenu kif dikjarat f’parti tas-sottomissjonijiet taghhom il-kwistjoni hi wahda cara. Dan qed jinghad ghax effettivament u fil-prattika dak li qed jigi attakkat hu d-diskrezzjoni kwazi mhux imxekkla tal-Prim Minstru fil-hatra tal-membri tal-gudikatura skont ma jirrizulta mill-artikoli tal-Kostituzzjoni fuq citati.

L-intimat Prim Ministru opppona ghal din it-talba f’dan l-istadju billi iqis li l-ewwel iridu jinstemghu l-provi sabiex din il-Qorti tqis jekk hux necessarju li issir referenza jew le u fi kwalunkwe kaz l-interpretazzjoni tal-artikolu 19 meqjus fid-dawl tas-sentenza tal-Kummissjoni kontra l-Polonja jikkostitwixxi *acte clair* u din il-Qorti tista’ tuza l-principji hemm imnissla ghal kaz odjern li fil-fehma taghhom kien ghal kollox differenti u ma jipprezenta ebda vjolazzjoni aktar u aktar bl-introduzzjoni tal-artikolu 96A tal-Kostituzzjoni.

L-intervenut fil-kawza irrefera lil Qorti ghal diversi sentenzi fir-risposta tieghu.

Il-Qorti kienet gia esprimiet ruhha fuq din it-talba fi stadju bikri tal-kawza u qieset li tali talba kellha tigi indirizzata aktar tard wara s-sentenza preliminari taghha u s-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz kontra l-Polonja. Illum is-sentenza ta’ din il-Qorti fuq il-kwistjonijiet preliminari u b’mod partikolari l-impostazzjoni tal-kawza huma ben delineati bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta’ Settembru 2019 u l-kaz tal-Unjoni Ewropea kontra l-Polonja hu definittivament deciz bis-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tal-24 ta’ Gunju 2019. Ghalkemm l-ahhar sentenza citata taghti direzzjoni lil din il-Qorti fuq certi aspetti tal-vertenza pero l-fatti fiz-zewg ilmenti huma distinti u dan ma jaghtix serhan tal-mohh lil din il-Qorti li tippronunzja ruhha fl-aspetti delikati li tohloq din il-vertenza u l-implikazzjonijiet legali li jistghu jinsorgu

b'semplici referenza ghal dak li stabbiliet il-Qorti Ewropea fil-kaz partikolari tal-Polonja. Il-Qorti tqis ukoll li ghal fini ta' din ir-referenza li hi wahda ta' natura u indoli legali ma jehtiegx li jinstemghu xi provi.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismiijiet **eHealth Limited vs Sergio Giglio et** (App 19/07/2019) fejn intqal hekk:

> Illi huwa maghruf u accettat li biex tintalab riferenza ghal decizjoni preliminari lill-QGUE taht l-artikolu 267 tat-Trattat (li qabel kien l-artikolu 234 tat-TEU) minn qorti nazzjonali ta' Stat Imsieheb fl-Unjoni Ewropeja jridu jirrikorru cirkostanzi tajbin bizzejjed biex dan isir u li, fejn ma App. Civ. 351/17 7 jirrikorrux tali elementi, ir-Riferenza ma tkunx mehtiega. Huwa stabbilit li hemm tliet (3) cirkostanzi maghrufa mid-duttrina u mill-gurisprudenza fejn qorti nazzjonali m'hijiex marbuta li tghaddi biex tressaq Riferenza ghal decizjoni preliminari lill-QGUE. Dawn it-tliet cirkostanzi huma (i) meta l-mistoqsija tkun wahda li dwarha l-QGUE tkun diga tat it-twegiba taghha; (ii) fejn it-twegiba ghall-mistoqsija tista' tinstilet bla xkiel minn sentenzi (l-hekk imsejjah "acte éclairé") lil hinn min-natura jew l-ghamla ta' proceduri li wasslu ghal dawk id-decizjonijiet u (iii) fejn it-thaddim talligi Komunitarju huw a daqstant ovvju li ma ghandu jhalli l-ebda dubju dwar it-twegiba li tista' tinghata lill-mistoqsija riferita (maghrufa bhala "acte clair") (K. Lenaerts, I Masalis, K Gutman, JT Nowak (ed.) E.U. Procedural Law (OUP 2014) §§ 3.51 – 3.55 f'pagg. 98 – 101.
>
> Hija taghraf ukoll li l-ghan ta' Riferenza huwa dak li jghin lil qorti nazzjonali ta' Stat Imsieheb tasal biex taghti decizjoni dwar Dritt Komunitarju li tkun taqbel mat-tifsira accettata talistess Dritt. Sewwasew ghaliex Riferenza taf tkun ta' ghajnuna lill-qorti li taghmilha, trid issir meta c-cirkostanzi tabilhaqq juru li jehtieg li ssir. Dan jinghad ghaliex ma ghandha ssir l-ebda Riferenza fejn il-kwestjoni rinvjata lill-QGUE ma tkunx rilevanti jew mehtiega ghas-soluzzjoni talepisodju gudizzjarju fil-kawza principali, jew fejn dik il-Qorti tkun digà tat il-fehma cara taghha u stabbiliet x'ghandha tkun it-tifsira awtentika ta' dik in-norma Komunitarja;

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kwistjoni mhix wahda li l-Qorti Ewropea gia tat twegiba ghaliha kif gia espress min din il-Qorti aktar il-fuq. Il-fattispecie tal-kaz quddiem din il-Qorti mhijiex bhal kaz tal-Polonja li kienet tirrigwarda l-validita ta' ligi li dahlet in vigore recentement, u li ta' lok ghall-proceduri mibdija mill-Kummissjoni Ewropea. Fil-kaz tallum, quddiem il-Qorti Maltija qed jigu attakkati artikoli partikolari tal-oghla ligi tal-pajjiz cioe l-Kostituzzjoni li ilhom fis-sehh mill-Indipendenza cioe mill-1964 kif emendati fl-2016 u li issa qed jigu assedjati ghal ragunijiet li jifformaw il-mertu tal-azzjoni. F'dan l-istadju din il-Qorti ma tqisx ghaqli u gust ghal partjiet li tkkummenta dwarhom. Dan qed jinghad ghaliex it-twegibiet u konsegwenzi legali u guridici li

possibilment jistghu jinsorgu minn azzjoni ta' din in-natura ma jidhirx li giet indirizzata f'xi gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Lanqas ma jidher li f'dan il-kaz it-thaddim tal-ligi kommunitarja invokata f'din il-kawza hija kwistjoni legali li tista' tigi deciza minn qari biss tal-ligi minghajr l-ghajnuna tal-Qorti Ewropea.

Il-materja hi wahda delikata ta' interess nazzjonali b'riperkussjonijiet serji hafna mhux biss ghas-sistema gudizjarja izda ghas-socjeta kollha li b'xi mod jew iehor messet jew ser tmiss mal-Qrati Maltin fiz-zminijiet rilevanti li tolqot l-istess azzjoni.

Il-Qorti hi konvinta li f'dan l-istadju hu bzonnjuz li issir ir-referenza u ghalhekk tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex taghmel referenza lil Qorti Ewropea tal-Gustizzja u titlob li tali referenza tigi trattata kemm jista' jkun malajr. Il-Qorti qed thalli l-kawza ghas-**7 ta' Novembru 2019 fil-11.15am** sabiex il-partijiet jinghataw kopja ta' abbozz ta' referenza li l-Qorti behsiebha taghmel sabiex jekk jidhrilhom jaghmlu l-kummenti taghhom qabel tintbaghat formalment l-imsemmija referenza minn din il-Qorti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur